



KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 30 ta' April 2012 (02.05)  
(OR. en)

9388/12

Fajl Interistituzzjonal: 2012/0090 (NLE)

EEE 36  
STATIS 33  
TOUR 4

### **PROPOSTA**

minn:	Kummissjoni Ewropea
data:	26 ta' April 2012
Nru dok. Cion:	COM(2012) 180 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Anness XXI (Statistika)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuża proposta mill-Kummissjoni mibgħuta ma' ittra ta' tifśir mingħand is-Sur Jordi A YET PUIGARNAU, Direttur, lis-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Mehmuż: COM(2012) 180 final



## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 26.4.2012  
COM(2012) 180 final

2012/0090 (NLE)

Proposta għal

### **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Anness XXI (Statistika)**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA**

Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-omoġeneitā li huma neċċesarji għas-Suq Intern, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu jinsema l-leġiżlazzjoni kollha relevanti tal-Unjoni Ewropea fil-Ftehim dwar iż-ŻEE mill-aktar fis possibbli wara l-adozzjoni tagħha.

### **2. X'ĦAREĠ MILL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U MILL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

L-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (anness mal-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill) għandu l-għan li jemenda l-Anness XXI (Statistika) billi jżid l-acquis l-ġdid tal-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam.

Dan jikkomċerna r-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2011 dwar l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 95/57/KE.

Għall-fini tal-implimentazzjoni ta' dan l-att, qed jiġi propost adattament fir-rigward tal-Liechtenstein. Il-Liechtenstein jixtieq iżomm l-eżenzjoni dwar il-ġbir tad-dejta dwar id-domanda turistika kif titlob il-Parti C tal-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 95/57/KE tat-23 ta' Novembru 1995 dwar il-ġbir tal-informazzjoni statistika fil-qasam tat-turiżmu, skont ir-Regolament (UE) Nru 692/2011, li jħassar id-Direttiva. Il-ġustifikazzjoni għaż-żamma ta' tali eżenzjoni hija li d-dejta jkollhom jinġabru permezz ta' stħarriġ imsejjes fuq kampjun. Minħabba li, biex tinkiseb dejta affidabbi, ikun meħtieġ li l-kampjun ikun kbir, il-piż li dan ikun ifisser għall-popolazzjoni tal-Liechtenstein ikun tqil wisq.

### **3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA**

L-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim taż-ŻEE jipprevedi li huwa l-Kunsill li jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni dwar tali Deċiżjonijiet, fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tippreżenta l-Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE lill-Kunsill biex jadottah bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tittama li tkun tista' tippreżentah lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mill-aktar fis possibbli.

Proposta għal

## DEĊIJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Anness XXI (Statistika)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar arrāġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Anness XXI ta' mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE") fih dispożizzjonijiet u arrāġamenti spċifici fir-rigward tal-istatistika.
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2011 dwar l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 95/57/KE<sup>2</sup> għandu jiġi integrat fil-Ftehim.
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 692/2011 jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 95/57/KE<sup>3</sup>, li hi integrata fil-Ftehim u li għalhekk għandha titħassar skont il-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Anness XXI ta' mal-Ftehim dwar iż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li hu mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

---

<sup>1</sup> ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6. (Ma hemmx bil-Malti.)

<sup>2</sup> ĠU L 192, 22.7.2011, p. 17.

<sup>3</sup> ĠU L 291, 6.12.1995, p. 32. (Edizzjoni Specjalib il-Malti: Kapitolu 13 Volum 15 p. 419 – 426).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni taġħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*

## **ANNESS**

### **Abbozz ta'**

Abbozz (05.09.2011)

### **DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru**

**ta'**

#### **li te menda l-Anness XXI (Statistika) ta' mal-Ftehim dwar iż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XXI ta' mal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../<sup>4</sup> ... ta' ... .
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2011 dwar l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 95/57/KE<sup>5</sup> għandu jiġi integrat fil-Ftehim.
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 692/2011 iħassar id-Direttiva tal-Kunsill 95/57/KE<sup>6</sup>, li hi integrata fil-Ftehim u li għalhekk għandha titħassar skont il-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

It-test tal-punt 7c (id-Direttiva tal-Kunsill 95/57/KE) tal-Anness XXI ta' mal-Ftehim jiġi mibdul b'li ġej:

**"32011 R 0692:** Ir-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2011 dwar l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 95/57/KE (ĠU L 192, 22.7.2011, p. 17).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament jiftieħmu bħala adattati kif ġej:

---

<sup>4</sup> ĠU L ...

<sup>5</sup> ĠU L 192, 22.7.2011, p. 17.

<sup>6</sup> ĠU L 291, 6.12.1995, p. 32 (Edizzjoni Specjalibil-Malti: Kapitolu 13 Volum 15 p. 419 – 426.)

Il-Liechtenstein huwa eżentat milli jiġbor id-dejta mitlubin mill-Anness II ta' dan ir-Regolament."

### *Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 692/2011 bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħi nhar [...], dment li jkun saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE in-notifikasi kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim\*.

### *Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

*Is-Segretarji  
tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

---

\* [Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.] [Hemm rekwiżiti kostituzzjonali indikati.]